MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 152/2008

**Marvin Sammut f'ismu propju,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' 272874(M)**
**u ghan-nom tas-socjeta' PC Zone Limited (36959)**

**vs**

**Derek Lee D'Amato detentur tal-karta ta' l-identita' 518380(M)**
**u ghal kull interess martu Stephanie D'Amato xebba Spiteri detentrici tal-karta ta' l-identita' 592181(M)**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti propju et nomine ssottometta:

1. Illi r-rikorrenti Marvin Sammut huwa azzjonist u direttur tas-socjeta' PC Zone Limited;
2 Illi l-intimat huwa wkoll azzjonist u direttur tas-socjeta' PC Zone Limited u dan kif jirrizulta mill-anness dokument kopja tal-memorandum and articles of association tas-socjeta' PC Zone Limited, anness bhala dokument PC 1;

3. Illi l-generu tax-xoghol ta' l-imsemmija socjeta' PC Zone Limited hija l-bejgh ta' apparat ta' kompjuters kif ukoll hardware u software relatat mal-qasam ta' nformazzjoni teknologika u kompjuters;

4. Illi s-socjeta' PC Zone Limited kellha wkoll hanut bl-isem ta' PC Zone innumerat 864, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun u minn dan il-hanut, kienu jinbieghu kompjuters u oggetti ohra relatati ma' dan in-negozju;

5. Illi l-gestjoni ta' l-imsemmi hanut tas-socjeta' PC Zone Limited, huwa 'on a day to day basis' immaniggjata mill-intimat (unikament) Derek Lee D'Amato;

6. Illi s-socjeta' PC Zone Limited kellha wkoll hanut iehor gewwa 31, Saint Joseph High Road, Hamrun, li kienet ukoll tinkera mis- socjeta' PC Zone Limited;

7. Illi rrizulta mill-*incoming u outgoing datas* u mill-accounts li saru li hemm ammonti sostanzjali ta' hardware u software tas-socjeta' PC Zone Limited, li huma 'accountable', liema software u hardware jammontaw ghal mill-anqas Lm16,000 ekwivalenti ghal-€37,269.97 u ghal liema nuqqasijiet l-intimat Derek Lee D'Amato naqas li jaghti spjegazzjoni valida, nonostante l-ittra ufficjali li kienet intbaghtet lilu fl-20 ta' Awissu 2007 li huwa hawn anness bhala dokument PC 2;

8. Illi tali oggetti ta' software, hardware u oggetti, gew mehudin mill-intimat Derek Lee D'Amato minghajr il-

kunsens u/jew konoxxenza tar-rikorrenti direttur Marvin Sammut, u minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tas-socjeta' PC Zone Limited;

9. Illi noltre saret laqgha fl-ufficcju ta' Fenech & Fenech Advocates ta' 198, Old Bakery Street, Valletta, fl-14 ta' Settembru 2007 bejn ir-rikorrenti u l-intimat, flimkien ma' l-avukati rispettivi tal-partijiet, izda ghal liema laqgha, l-intimat naqas li jaghti spjegazzjoni cara u gustifikabbli ta' fejn marru l-oggetti li huma propjeta' tas-socjeta' rikorrenti PC Zone Limited;

10. Illi l-intimat ukoll ha flus ta' Lm10,000 ekwivalenti ghal-€23,293.73 minghand il-kumpanija rikorrenti minghajr ebda kunsens u konoxxenza tar-rikorrenti propju et nomine, u dan kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza;

11. Illi noltre ngibdet somma ta' Lm3,500 ekwivalenti ghal-€8,152.81 fis-27 ta' Frar 2007 mill-intimat Derek Lee D'Amato u dan minghajr ebda spjegazzjoni u permess ghal dan il-withdrawal minghand l-istess intimat, lir-rikorrenti propju et nomine, u dan kif jirrizulta mill-anness statement of account tas-socjeta' PC Zone Limited hawn anness bhala dokument PC 3;

12. Illi sar ukoll rapport mal-Pulizija Ezekuttiva li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala dokument PC 4;

13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

14. Illi jghidu ghalhekk l-intimat prevja qualsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghala din il-Qorti m'ghandiex tipprocedi u –

1. Tiddikjara l-intimat unikament u personalment responsabbli ghal tehid ta' hardware, software u oggetti li jappartjenu lir-rikorrenti propju et nomine u dan in vjolazzjoni ta' l-Artiklu 136A tal-Kapitlu 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju. jirritorna l-hardware, software u oggetti (jekk

ghadhom utli billi fil-materja ta' hardware u software, huwa risaput li l-valur ta' l-istess jonqsu drastikament minn sena ghal
sena peress li johorgu mudelli u sistemi li huma iktar avvanzati u jiswew anqas flus) ohra lir-rikorrenti propju et nomine liema oggetti meta ttiehdu abbuzivament kif fuq intqal kellhom valur ta' Lm16,000 ekwivalenti ghal-€37,269.97, u dan bl-imghax legali fuq din is-somma jew kwalunkwe somma verjuri li tigi llikwidata mid-data tat-tehid ta' dawk l-oggetti sad-data tal-pagament effettiv;

3. Fin-nuqqas tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-attur propju et nomine, l-valur ta' l-oggetti msemmija fit-tieni talba jew kwalunkwe somma verjuri li tigi llikwidata occorrendo bin-nomina ta' periti appuntati ghal dan l-iskop;

4. Tikkundanna noltre lill-intimat jirrifondi lir-rikorrenti proprju et nomine, s-somma ta' Lm13,500 ekwivalenti ghal €31,446.54, minnu mehuda llegalment u abbuzivament mis-socjeta' rikorrenti bl-imghax legali minn dik il-gurnata li l-istess intimat ha l-imsemmija flejjes minghajr il-kunsens u l-konoxxenza ta' l-istess rikorrenti proprju et nomine, sad-data tal-pagament effettiv;

5. Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha l-ohra, oltre ghal dawk fuq imsemmija li tista; ssofri s-socjeta' rikorrenti mid-Dipartiment tal-VAT jew mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni jew qualsiasi awtorita' ohra jekk ikun il-kaz, minhabba l-agir abbuziv u llegali ta' l-istess intimat;

6. Tillikwida l-istess danni jekk hemm bzonn bl-opera tal-istess periti nominandi, u konsegwentement tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti propju et nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez kollha nkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu 2007 kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 201/08 u dawk tal-mandat ta' Sekwestru bin-numru 202/08 bl-imghaxijiet legali. B'riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi. L-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-**risposta tal-intimati** a fol. 24 tal-process fejn qalu:

1. Illi fl-ewwel lok Marvin Sammut f'ismu personali m'ghandu ebda nteress guridiku peress li kif jirrizulta car mill-istess permessi tac-citazzjoni kwalukwe dannu li qed jippretendi li gie rrekat, dan sar a pregudizzju tal-kumpanija PC Zone Limited u mhux minnu personali. Illi ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, lanqas ma seta' l-imsemmi Marvin Sammut jipprocedi ghan-nom ta' PC Zone Limited, bi ksur ta' dak li jipprovdi l-istatut tal-kumpanija, u cioe' flimkien ma' direttur iehor, meta Artiklu 9 ta' l-istess statut, intestat legal and judicial representation' jaghmilha cara li tali rapprezentazzjoni hi vestita f'zewg (2) diretturi jew persuna appuntata mill-Bord tad-Diretturi. F'dan ir-rigward irid jigi aggunt illi l-imsemmi Marvin Sammut kellu ghad-dispozizzjoni tieghu procedura specjali li naqas li jutillizza u li allura anke f'dan ir-rigward il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-irritwalita' u n-nebolozita' tar-rikors guramentat, peress li safejn jirrigwarda t-talbiet maghmula mill-attur u anke l-premessi kif konfezzjonati, l-attur ma jiddistingwix bejn l-interessi tieghu personali u dak tal-kumpanija, u addirittura jitlob il-kundanna ta' l-intimat, ta' diversi somom u obbligazzjonjiet minghajr ebda distinzjoni dwar l-interess tal-kumpanija u tieghu personali, u allura hemm konfuzjoni ta' talbiet. Anke f'dan ir-rigward il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kwantu jirrigwarda lill-konvenuta Stephanie D'Amato, l-azzjoni kif proposta kontra taghha hija nsostenibbli, u dan peress illi l-atti li qed jigu addebitati lil Derek Lee D'Amato jirrigwardaw reati li saru b'rieda min-naha tieghu, illi kollha sehhew qabel ma' gie ccelebrat iz-zwieg

bejniethom, u di piu’ anke l-istess ishma fil-kumpanija attrici huma parafernali tal-konvenut, u li l-konvenuta ma kinitx kompartecipi ghalihom u ghal kollox estranea ghal dak kollu li qed jigi allegat fil-konfront tal-konvenut l-iehor. Ghalhekk il-konvenuta Stephanie D’Amato ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju u fi kwalunkwe kaz illi:-

(a) fl-eventwalita’ ta’ ezitu favorevoli ghall-attur pro. et noe. fil-konfront tal-konvenut l-iehor, tali dejn, ghalkemm civili m’ghandux jigi soffert mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, safejn jirrigwarda l-interess tal-konvenuta, u dan fit-termini tal-Artikli 1327(f) u 1329 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

(b) illi in vista ta’ dak fuq imsemmi, anke safejn titratta l-propjeta’ parafernali tal-konvenuta, ghandhom jigu applikati rigorozament a favur taghha l-effetti ta’ l-Artiklu 1330 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ l-proviso ‘safejn jirrigwarda l-ezercizzju ta’ kredituri fuq propjeta’ li hija parafernalment posseduta minnha’. Dan qieghed jinghad peress li l-unika propjeta’ mmobiljari ezistenti bejn il-kontendenti giet akkwistata minnhom qabel iz-zwieg kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, u anke qabel ma’ giet ifformata l-kumpanija attrici.

Quindi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-konvenuta Stephanie D’Amato ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, peress li mhijiex il-legittma kontradittrici, u di piu’ ebda decizjoni favorevoli li jista’ jkun hemm fil-kawza odjerna, m’ghandha taffetwalha l-propjeta’ parafernali taghha, jew sehemha jew kwalunkwe nteress li ghandha fil-komunjoni ta’ l-akkwisti.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost fil-mertu qed jigi eccepit is-segwenti:

Illi l-konvenut qeda d-dmirijiet tieghu skond il-ligi, qua direttur u/jew ufficjal tal-kumpanija, u dan konfomement ma’ dak li tghid il-ligi u allura ma kien hemm l-

ebda vjolazzjoni ta’ l-Artiklu 136A tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

6. Illi huwa assolutament mhux minnu li l-konvenut Derek Lee D’Amato ha xi software, hardware jew oggetti ohra tas-socjeta’ attrici, ekwivalenti ghal sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000) u dan kif diga’ nforma kemm-il darba kemm lill-kumpanija kif ukoll lill-attur personalment, u lanqas huwa minnu li appropja ghalih is-somma ta’ Lm13,500, kif qed jigi allegat fir-rikors promotur, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza. Dawn l-allegazzjonijiet huma biss frott l-immaginazzjoni ta’ l-atturi, kif l-esponent diga’ nforma lill-istess atturi dwar tali allegazzjoni. Illi ghalhekk it-talbiet attrici safejn jirrigwarda l-oggetti u somom imsemmija ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

7. Illi safejn jirrigwarda s-somma ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) irid jinghad is-segwenti:

Illi l-kontendenti kienu fil-kors li qeghdin jillikwidaw l-assi kollha ta’ bejniethom: tant dan huwa minnu li kienu diga’ qasmu l-istock kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi safejn jirrigwarda din is-somma ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500), propju fl-ambitu tal-fatt illi l-kumpanija kienet qieghda tigi llikwidata bonarjament bejn il-partijiet, il-konvenut minn kont ta’ sebat elef mitejn u sebgha lira Maltin u tmienja u disghin centezmu Lm7,277.98) ha l-ammont imsemmi, filwaqt li halla l-bilanc tas-somma msemmija, sabiex tittiehed mill-azzjonist l-iehor. Dan ghamlu in bona fede u f’ebda hin ma kellu l-hsieb illi jappropja xi flejjes li fil-mument li hadhom kien qieghed jaghmlu b’hazen jew rieda hazina. Illi f’dan ir-rigward tajjeb li jinghad li l-attur Marvin Sammut kien qed jaghmel minn kollox sabiex jostakola l-likwidazzjoni tal-kumpanija, u jkompli jonfoq inutilment kull flejjes

li kien hemm fil-kontijiet bankarji, bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-konvenut, u quindi f’dan ir-rigward, dawn il-flejjes lanqas huma rifondibbli.

8. Illi l-istess attur Marvin Sammut ghandu jaghti rendikont tal-flejjes mizmuma u mehuda minnu li kien jircievi mill-operat tal-kumpanija attrici u li sal-lum l-istess konvenut Derek Lee Zammit ghadu ma jafx x'sar minnhom, biex ghalhekk jitnaqqsu jekk ikun il-kaz, u dato ma non concesso li jkun hemm ezitu favorevoli ghall-attur, minn kull ammont li talvlolta qieghed jitlob.

9. Illi l-konvenuti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, m'ghandhom bl-ebda mod iwiegbu ghal xi dannu kemm dwar hlasijiet ta' VAT u kemm mod iehor kif spjegat fir-rikors promotur, li setghet sofriet il-kumpanija attrici, u anke l-attur personalment, u dan ghar-ragunijiet li se jigu spjegati dettalljatament fil-kors tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti;
Rat il-verbal a fol 33;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-intimati;

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

**Fatti**

Il-kawza tirrigwarda kaz ta' allegata misapproprjazzjoni da parti ta' direttur u azzjonista tal-kumpanija PC Zone Limited.

Il-kawza saret minn Marvin Sammut f'ismu personali u ghan-nom ta' PC Zone Limited. Hu qed jitlob li l-intimat jigi dikjarat unikament u personalment responsabbli ghal tehid ta' hardware, software, oggetti u flus li jappartjenu lir-rikorrenti propju et nomine u dan in vjolazzjoni ta' l-Artiklu 136A tal-Kapitlu 386 tal-Ligijiet ta' Malta (dwar dmirijiet generali ta' diretturi) u jigi kkundannat li jirritornahom jew ihallas il-valur taghhom.

## Eccezzjonijiet

Fl-ewwel eccezzjoni l-intimat wiegeb li r-rikorrent personali m'ghandu ebda nteress guridiku billi kwalukwe dannu li qed jippretendi li gie rrekat, sar a pregudizzju tal-kumpanija PC Zone Limited u mhux lilu.

Fit-tieni eccezzjoni l-intimat isostni li r-rikorrent ma setghax jipprocedi ghan-nom ta' PC Zone Limited, ghax skond l-artiklu 9 ta' l-statut, intestat '*legal and judicial representation*' tali rapprezentazzjoni hi vestita f'zewg (2) diretturi jew persuna appuntata mill-Bord tad-Diretturi.

## Kontestazzjoni

L-intimat jissottometti li l-artiklu 9 ta' l-istatut tal-kumpanija jistabbilixxi specifikament illi bhala *legal and judicial presentation* ghandhom ikunu z-zewg diretturi f'daqqa u mhux wiehed jew l-iehor.

Inoltre l-allegati danni gew sofferti mill-kumpanija ghalhekk ir-rikorrent ma setghax jagixxi la f'ismu personali u lanqas f'isem il-kumpanija, kif agixxa.

L-intimat isostni wkoll li minkejja dak li kien hemm ipprovvdut fl-istatut tal-kumpanija r-rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu procedura specjali a bazi ta' l-artikolu 402 tal Kap 386 li setgha utillizza. Hu jsostni li l-Att dwar il-kumpaniji ta' l-1995 introduca rimedju statutorju flok dik li tissejjah l-azzjoni derivattiva taht il-ligi Ingliza kif enuncjata mill-Qrati Inglizi[1].

---

[1] **402.** (1) Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.

(3) Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) jew (2), il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista' taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa –

(*f*) jipprovdi ghall-hlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni.

Ir-rikorrent min-naha l-ohra jissottometti li ma kien hemm ebda rimedju da parti tas-socjeta` rikorrenti attrici ghajr li tintavola dina l-kawza kontra d-direttur Derek Lee D'Amato. Hu veru li hija kumpanija li sofriet id-danni minhabba l-fatt ta' misapproprjazzjoni izda r-rikorrent personali u bhala direttur u azzjonist ghandu interess finanzjarju fiha ghax proprju fl-ahhar mill-ahhar huwa bhala tali ser jircievi d-dividends mill-profitti tal-kumpanija.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif jispjega **Andrew Muscat** fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law,** taht il-common law Ingliza:

*"The derivative action is an action brought by a shareholder in respect of a wrong done to the company where the wrongdoers are in control and prevent the company itself from suing. The benefit of the action would accrue not to the benefit of the shareholder instituting the action but to the company. To succeed in a derivative action, the minority shareholder must prove (i) fraud on the minority, and (ii) wrongdoer control which prevents the company itself bringing the action in its own name. The derivative action is accordingly available where the company itself has been wronged and the directors or the majority shareholders who control the composition of the board fail to take the necessary action to institute the necessary legal proceedings to remedy the wrong suffered by the company.*

*The derivative action is therefore an exception to the rule in* ***Foss vs Harbottle*** *that in respect of a wrong alleged to be done to a company the company itself is the proper plaintiff."*[2]

L-Att dwar il-Kumpaniji ta' l-1995 introduca rimedju statutorju – l-Artikolu 402 biex jipprotegi lill-azzjonisti minn agir oppressiv u diskriminatorju, u/jew agir allegatament illegali fil-konfront tal-kumpanija mill-persuni li jkunu fil-kontroll tal-kumpanija.

---

[2] (2007) pag. 890-891

**Andrew Muscat** inoltre jghid li:

*"It should also be noted that article 402(3)(e) of the Companies Act contemplates a statutory form of derivative action. The court is in fact empowered by the provisions to authorize "a member or members of the company to institute, defend, continue or discontinue court proceedings in the name and on behalf of the company." The disadvantage is that a member would have to institute two actions: one to obtain authorisation and then the one in the name and on behalf of the company."*

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza M**izzi et vs Dr.Grech et** rriteniet l-Artikolu 402(3)(e) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji huwa l-verzjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva u ladarba llum il-gurnata l-legislatur Malti irregola b'mod statutorju l-azzjoni derivattiva, huma d-disposizzjonijiet tal-ligi Maltija rilevanti li ghandhom jigu applikati. L-Artikolu 402(1) jipprovdi li rrimedji kontemplati fl-Artikolu 402(3) – li jinkludi anki l-versjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva – jistghu jigu ezercitati biss minn kull membru tal-kumpanija.

Dan ifisser li r-rikorrent odjern bhala azzjonist fil-kumpanija kien ikun awtorizzat li jagixxi f'ismu proprju u ghan nom tal-kumpanija kieku huwa ottjena l-awtorizzazzjoni biex jaghmel hekk u l-eccezzjonijiet tal-intimat f'dan is-sens ma kienux ikunu validi.

L-intimat ghalhekk qed jeccepixxi li l-proceduri odjerni huma bla effett stante illi l-premessi u t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotorju ma jinkwadrawx ruhhom fil-kuntest tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 402 tal- Kap. 386 tal-ligijiet ta' Malta u l-allegat agir tal-intimat huwa wiehed azzjonabbli biss abbazi ta' dak l-istess artikolu u ghalhekk dawn il-proceduri setghu biss jigu ntavolati permezz ta' rikors kif jitlob dak l-istess artikolu b'mod tassattiv, konsegwentement l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Grech v. Ludgarda Grech** deciza fil-11 ta' Jannar 1989[3]

*"(M)'humiex vjetati domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni, purche` dawn ikunu preordinati ghal domanda ohra definittiva u finali, ghalkemm din tkun ghadha ma gietx dedotta f'gudizzju (jigifieri ma tkunx biss domanda ghal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intiza u tista' effettivament tigi esegwita b'domanda ohra li tkun esegwibbli). Anzi, skond il-gurisprudenza taghna, domandi simili lanqas huma projbiti fid-dritt processwali, anki meta d-domanda definittiva u finali ma tkunx tista' tigi dedotta attwalment, izda fil-futur (Vol. XXXVI-I.27).*

Kif giet redatt ir-rikors promutur proprjament dan mhux wiehed ghal semplici dikjarazzjoni u lanqas ma jidher li r-rikorrent kellu f'mohhu r-rimedji disponibbli taht l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji, imma r-rikors gie konfezzjonat b'forma ta' talba ghal dikjarazzjoni u kundanna ta' l-intimat minhabba allegata misapproprjazzjoni ta' affarijiet tal-kumpanija u danni kawzati minn direttur u azzjonista liema azzjoni saret a tenur ta' l-artikolu 136A tal-Kap 386 kif jirrizulta mill-premessi tar-rikors.

Ghalhekk dina l-kawza ma setghetx tigi proposta kif u minn min gie proposta u konsegwentement l-eccezzjonijiet ta' l-intimati ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Billi tilqa l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-intimati ;
U tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;

[3] Vol. LXXIII – Part 2 – Sez. 1 – pag. 247, a fol. 252 u 253.

Fic-cirkostanza spejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------